**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta'April, 2025**

**Talba Nru: 346/2024MD**

**Michael Attard Imports Limited (C 34433)**

**Vs**

**Joseph Mary Portelli (ID 536861M) u**

**Anna Portelli (ID 371660M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-10 ta' Diċembru, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' tlett elef, erba' mija, erbgħa u għoxrin ewro u tminn ċenteżimi (€3,424.08) rappreżentanti bilanċ ta' import ta' sitt kambjali skaduti, aċċettati u ffirmati mid-debitur; bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati bl-Avviż, ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma dehru għas-seduti tal-25 ta' Marzu, 2025[2], u tat-3 ta' April, 2025[3].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 8 tal-proċess
[3] A fol 10 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2025[4] u fil-fatt il-konvenuti ma dehrux sabiex jirrispondu għalih għas-seduta tat-3 ta' April, 2025[5].

Ra li fis-seduta tat-3 ta' April, 2025[6] it-Tribunal awtorizza lil konvenuti sabiex jippreżentaw s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub u l-konvenuti naqsu li jagħmlu dan.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenuti jħallsu s-somma ta' tlett elef, erba' mija, erbgħa u għoxrin ewro u tminn ċenteżimi (€3,424.08), bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti *in solidum*.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[4] A fol 8 tal-proċess
[5] A fol 9 tal-proċess
[6] *Ibid*
[7] Stante li l-kambjali ma ġewx ippreżentanti